



Stqarrija għall-Istampa Il-Lussemburgu, il-11 ta' Diċembru 2019

Il-finanzjament mogħti mill-UE lill-Marokk sa issa qed juri riżultati limitati, jgħidu l-Awdituri

Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), għajna finanzjarja mogħtija mill-UE lill-Marokk, li tħallset permezz ta' trasferimenti diretti lit-Teżor tiegħu mill-2014 sal-2018, ipprovdiet valur miżjud limitat kif ukoll kapaċità limitata ta' appoġġ għar-riformi fil-pajjiż. L-awdituri jgħidu li l-Kummissjoni Ewropea indirizzat il-ħtiġijiet identifikati fl-istrategġiji nazzjonali u dawk tal-UE, iżda hija firxet il-finanzjament fuq wisq oqsma, u dan seta' dgħajef l-impatt tiegħu. Huma sabu wkoll li l-ġestjoni, min-naħa tal-Kummissjoni, tal-programmi ta' appoġġ baġitarju għall-pajjiż ixkeklet minħabba dgħufijiet fil-mod kif dawn tfaßlu, ġew implimentati u mmonitorjati, kif ukoll fil-valutazzjoni tar-riżultati.

L-UE hija l-akbar donatur ta' għajna għall-iżvilupp lill-Marokk. Għall-perjodu 2014-2020, il-Kummissjoni pprogrammat EUR 1.4 biljun f'għajna, prinċipalment għat-tliet setturi ta' prijorità: is-servizzi soċjali, l-istat tad-dritt u t-tkabbir sostenibbli. Sa tmiem l-2018, hija kienet ikkonkludiet kuntratti li jiswew EUR 562 miljun u għamlet pagamenti ta' kważi EUR 206 miljun taħt l-istrument ta' appoġġ baġitarju tagħha, li għandu l-għan li jipromwovi r-riformi u l-ilħuq ta' miri ta' żvilupp sostenibbli, u li jirrappreżenta 75 % tal-infiq annwali tal-UE għall-pajjiż.

L-awdituri vvalutaw jekk il-ġestjoni, min-naħa tal-Kummissjoni, tal-appoġġ baġitarju tal-UE għas-setturi ta' prijorità fil-Marokk mill-2014 sal-2018 kinitx effettiva u jekk intlaħqux l-oġettivi. Huma eżaminaw l-oqsma tas-saħħa, tal-protezzjoni soċjali, tal-ġustizzja u tal-iżvilupp tas-settur privat.

"L-appoġġ baġitarju mogħti mill-UE lill-Marokk ma kienx ipprovdta appoġġ suffiċjenti għar-riformi tal-pajjiż u l-progress li sar rigward sfidi ewlenin kien limitat," **qal Hannu Takkula, il-Membri tal-QEA responsabbli għar-rapport.** "Biex timmassimizza l-impatt tal-finanzjament mogħti mill-UE, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiffoka l-appoġġ fuq għadd iżgħar ta' setturi u ssaħħa id-djalogu politiku u ta' politika mal-Marokk."

Il-Kummissjoni kienet ivvalutat il-ħtiġijiet u r-riskji b'mod xieraq u qieset li l-appoġġ baġitarju kien l-istrument it-tajjeb biex titwassal l-għajna lill-Marokk. Attwalment, l-appoġġ baġitarju medju mogħti mill-UE ta' madwar EUR 132 miljun kull sena jirrappreżenta madwar 0,37% tal-infiq

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

baġitarju annwali medju tal-pajjiż. B'riżultat ta' dan, l-ingranaġġ kumplessiv tiegħu huwa limitat. Fl-istess ħin, l-awdituri sabu li ammonti sinifikanti tal-baġits ministerjali baqgħu ma ntnefqux, li jixħet dubju fuq il-valur miżjud tal-għajjnuna finanzjarja mogħtija mill-UE.

Il-Kummissjoni kienet iddefinit it-tliet setturi ta' prijorità. L-awdituri sabu, madankollu, li dawn kienu jikkonsistu fi 13-il sottosettur, li ħafna minnhom setgħu jitqiesu bħala setturi awtonomi. Huma jwissu li definizzjoni wiesgħa bħal din ta' oqsma eliġibbli li jkopru għadd kbir ta' setturi tnaqqas l-impatt potenzjali tal-appoġġ mogħti mill-UE. Huma jiġbdu l-attenzjoni wkoll li l-Kummissjoni ma kinitx allokat finanzjament għal programmi settorjali bl-użu ta' metodi trasparenti u l-koordinazzjoni ta' donaturi fost is-setturi kienet tvarja.

Attwalment, il-programmi għadhom għaddejnin, iżda sa issa ma wrew l-ebda impatt sinifikanti, billi anqas minn nofs il-miri tagħhom kienu ntleħqu sa tmiem l-2018. Barra minn hekk, għadd minn dawn il-miri ma kinux ambizzjużi biżżejjed biex jappoġġaw riformi sinifikattivi, peress li dawn xi drabi kienu diġà ntleħqu (jew kienu waslu biex jintleħqu) meta l-ftehimiet finanzjarji ġew iffirmati. L-awdituri sabu li kien hemm nuqqas ta' kontrolli rigorużi meta kienu ġew ivvalutati r-riżultati, u xi drabi kienu saru pagamenti meta l-miri ma kinux intleħqu u saħansitra meta s-sitwazzjoni kienet fil-fatt marret għall-aġġar. Sar ukoll progress limitat rigward xi kwistjonijiet trażversali.

Il-Marokk issospenda d-djalogu politiku formali mal-UE wara li l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ddeċidiet li s-Saħara tal-Punent ma kinitx parti mill-ftehimiet tal-Marokk mal-UE dwar l-Agricoltura u s-Sajd. F'konformità mar-regoli finanzjarji tal-UE, il-Kummissjoni kompliet twassal l-appoġġ baġitarju matul il-perjodu ta' waqfien, li dam sal-2019. Madankollu, il-Kummissjoni ma użatx dan iż-żmien biex tiżviluppa strateġija ċara, u li tħares 'il quddiem fil-qasam tar-relazzjonijiet bilaterali.

Ir-rapport jirrakkomanda li l-Kummissjoni tiffoka l-appoġġ tagħha fuq għadd iżgħar ta' setturi, ittejjeb l-indikaturi tal-prestazzjoni biex ikun jista' jsir kejl oġġettiv, issaħħaħ il-proċeduri ta' kontroll għall-iżborżi, issaħħaħ id-djalogu ta' politika u żżid il-viżibbiltà tal-appoġġ mogħti mill-UE.

Noti lill-Edituri

Il-Marokk huwa sieħeb politiku u ekonomiku importanti għall-UE. L-appoġġ baġitarju mogħti mill-UE jinvolti trasferimenti finanzjarji fil-kont tat-Teżor nazzjonali tal-pajjiż sieħeb. Il-fondi ma jiġux assenjati għal skop speċifiku. Madankollu, jeħtieġ li l-pajjiż jissodisfa ċerti kriterji ta' eliġibbiltà qabel u matul il-programm kif ukoll jilħaq il-kundizzjonijiet qabel isiru l-pagamenti.

Ir-Rapport Speċjali Nru 9/2019 "Appoġġ mogħti mill-UE lill-Marokk - sa issa riżultati limitati" huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE.

Il-Ħamis, it-12 ta' Diċembru, il-QEA se toħroġ rapport speċjali dwar il-kwalità tad-*data* fil-qasam tal-appoġġ baġitarju mogħti mill-UE.

Kuntatt għall-Istampa għal dan ir-rapport

Damijan Fišer – E: damijan.fiser@eca.europa.eu
T: (+352) 4398 45 510 / M: (+352) 621 55 22 24